MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2354/2000/1

**Frank Agius**

**vs**

**Doreen Agius, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u bid-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2000 gew nominati Dr. Vincent Galea u l-P.L. Luisa Tufigno bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Brenda Agius u Wayne Agius**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Ottubru 2000 (a fol.1) fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti, konjugi Agius, izzewgu fl-14 ta' Dicembru 1992 fil-Kappella tal-Buonpastur, Balzan u minn dan iz-

zwieg huma kellhom zewgt itfal u cioe' Brenda u Wayne li ghandhom seba' snin u erbgha snin rispettivament;

Illi Brenda u Wayne twieldu fis-6 ta' Lulju 1993 u fl-14 ta' Marzu 1996 rispettivament, gewwa l-Isptar San Luqa u dan skond kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid numri 3022/93 u 1295/96 rispettivament;

Illi l-attur gie mnizzel u registrat fl-imsemmija certikati ta' twelid bhala missier l-imsemmija tfal minuri;

Illi fl-11 ta' Awissu 2000, il-konvenuta ammettiet mal-attur illi l-imsemmija tfal ma' kienux tfal naturali tieghu imma ta' terza persuna;

Illi in fatti fit-13 ta' Awissu 2000, il-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u bidet tikkoabita ma' din it-terza persuna;

Illi l-imsemmija tfal minuri Brenda u Wayne ma humiex il-wild naturali tal-attur;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Previa, okkorrendo bl-opera ta' Periti Teknici, u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki gentetici u xjentifici kontemplati mill-**artikolu 70 tal-Kap. 16,** illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddecidi illi l-imsemmija minuri Brenda u Wayne ma humiex it-tfal naturali tal-attur Frank Agius b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri Brenda Agius u Wayne Agius, b'mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikati ta' twelid billi, *inter alia,* jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-attur Frank

Agius u l-istess jigu sostitwiti b’dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur Frank Agius datat 27 ta’ Ottubru 2000, fejn talab illi previa l-ispedizzjoni tas-soliti bandi flimkien ma’ kopja tal-iskritturi ppresentati kontestwalment jew verzjoni qasira tal-istess, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-imsemmija konvenuti minuri Brenda u Wayne Agius ghall-fini tal-kawza pprezentata kontestwalment u ghall-fini tal-atti kollha l-ohra konnessi u sussegwenti u jitlob ulterjorment illi l-imsemmija bandi u skritturi jew verzjoni qasira tal-istess jigu notifikati lill-konvenuta, Doreen Agius, omm l-imsemmija minuri.

Rat id-digriet tat-3 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Vincent Galea u lill-P.L. Luisa Tufigno bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 20 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 25 ta’ Lulju 2001, a fol. 24, fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi dwar il-mertu tal-azzjoni ta’ denegata paternita’ f’dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzjarju ghas-suespost, ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap. 16;**

3. Illi wkoll bal pregudizzju, il-bidla li qed tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa’ zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura tal-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti w ammisibbli skond il-ligi;

4. Illi *in vista* tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dkjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol. 25 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-P.L. Luisa Tufigno nominati b’digriet tal-20 ta’ Novembru 2000 bhala kuratrici deputata biex tirraprezenta lill-minuri Brenda Agius u Wayne Agius datata 18 ta’ Settembru 2001 fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi hija mhiex edotta mill-fatti tal-kawza u ghalhekk tirrizerva d-dritt illi tressaq l-eccezzjonijiet taghha aktar ‘l quddiem jekk u meta jinghataw informazzjoni ulterjuri dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta l-P.L. Luisa Tufigno u l-lista tax-xhieda, a fol. 28 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doreen Agius, datata 18 ta’ Settembru 2001, a fol. 29, fejn eccepit bir-rispett:

1. Illi kuntrarjament ghal dak li nghad fic-citazzjoni, ikun inutli li din l-Onorabbli Qorti tinkariga perit tekniku sabiex isiru testijiet u verifici genetici u xjentifici *stante* l-

fatt illi l-paternita' taz-zewg ulied tal-eccipjenti diga' giet determinata permezz ta' testijiet tad-DNA li kopja taghhom hija annessa u mmarkata bhala Dok. "A" u Dok. "B";

2. Illi l-eccipjenti temmen li ghal gid u l-interess ta' l-istess ulied minuri li ghaddew minn esperjenza kemm xejn kerha u trawmatika, l-istess testijiet m'ghandhomx jerghu jsiru mill-gdid, u dan *stante* wkoll li r-rizultat ser ikun identiku ghal dak li huwa fuq citat;

3. Illi mit-testijiet fuq imsemmija jirrizulta li l-attur Frank Agius m' huwiex il-missier ta' ulied l-eccipjenti u cioe' Brenda u Wayne Agius;

4. Illi salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Doreen Agius, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 30 u fol. 31 tal-process.

Rat il-verbal datat 24 ta' Settembru 2001, fejn il-Qorti notat li l-avviz fil-gazzetta tal-Gvern imsemmi mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu fil-fatt sar. Il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. Vincent Galea noe et, datata 28 ta' Settembru 2001, fejn ecipixxa bir-rispett:

1. Illi huma m' humiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

2. Illi salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. Vincent Galea noe et u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors tal-attur Frank Agius, datat 24 ta' Mejju 2001, fejn talab bir-rispett illi ghar-ragunijiet imsemmija dina l-Onorabbli Qorti jogghobha minhabba n-natura urgenti tal-

kaz u minghajr d-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini tordna illi jsiru d-DNA Tests fuq il-partijiet koncernati taht dawk id-direzzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha taghti u dan fl-ahajr interess tat-tfal minuri.

Rat id-digriet datat 31 ta' Mejju 2001, a fol. 39, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 28 ta' Jannar 2002, a fol. 43, fejn peress li sad-data tad-digriet ma kienx jidher li l-partijiet kollha gew notifikati bir-rikors il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-konvenuta Doreen Agius, datat 18 ta' Settembru 2001, a fol. 43, talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex sakemm ma jiddecidix mod iehor, tordna lill-attur Frank Agius sabiex jaghtiha manteniment ghall-ulied.

Rat id-digriet datat 12 ta' Ottubru 2001, a fol. 44, fejn il-Qorti ordanat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 12 ta' Frar 2002, a fol. 45, fejn f'dan l-istadju l-Qorti dderigiet lill-rikorrenti sabiex tistitwixxi proceduri oppositi ghall-istess mhux f'din il-kawza. Ghalhekk cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-attur Frank Agius datat 11 ta' Frar 2002, a fol. 46, fejn talab umilment minhabba n-natura urgenti tal-kaz, illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji, u tordna li jsiru d-DNA Tests fuq il-partijiet kollha koncernati u dan kemm ghall-interess tal-esponent u kif ukoll ghall-interessi taz-zewgt itfal minuri.

Rat id-digriet datat 12 ta' Frar 2002, a fol. 47 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 22 ta' Frar 2002, a fol. 50 tal-process.

Rat id-digriet datat 26 ta' Frar 2002 fejn il-Qorti laqghat it-talba u nnominat lil Mr. Robert Cardona sabiex jaghmel id-DNA tests relattivi.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 25 ta' Marzu 2002, fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghall-11 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota ta' Mr. Robert Cardona, datata 4 ta' Gunju 2002, a fol. 57 tal-process, li permezz taghha nforma lill-Qorti li kemm l-attur u kemm l-konvenuta Doreen Agius oggezzjonaw sabiex jaghmel id-DNA tests.

Rat il-verbal datat 11 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal datat 14 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi huma maghluqa.

Rat id-digriet datat 15 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti revokat *contrario imperio* id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2002 b'dan li rrevokat tali nomina tal-Perit Xjentifiku w ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li l-Qorti riedet tisma' lid-difensuri tal-partijiet dwar xi kweziti li kellha qabel ma tghaddi ghas-sentenza.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Deborah Farrugia minn fol. 61 sa fol. 87 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti kkonfermat is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat in-nota tal-attur datata 12 ta' Gunju 2003, a fol. 97.

Rat il-verbal datat 26 ta' Gunju 2003, fejn Dr. Michael Tanti Dougall ghall-konvenuta aderixxa ruhu man-nota tal-attrici, eccetto l-ahhar paragrafu. Robert Cardona xehed on tape. Dr. Roma D' Alessandro talbet zmien biex tezamina n-nota attrici.

Rat ix-xhieda ta' Robert Cardona minn fol. 100 sa fol. 111 tal-process.

Rat in-nota responsiva tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata l-1 tal-Lulju 2003, a fol. 112.

Rat il-verbal datat 21 ta' Ottubru 2003, fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghat-testijiet xjentifici li saru wara li l-attur ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu u ddikjara li minn dak li ra, it-testijiet saru b'mod regolari. Dr. Vincent Galea bhala kuratur ghall-minuri rrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat ir-rapport xjentifiku.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI

Rat ix-xhieda tal-attur quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Deborah Farrugia. Rat ukoll ix-xhieda tal-Espert Xjentifiku Mr. Robert Cardona li xhedt waqt is-seduta tas-26 ta' Gunju 2003.

### (II) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri Brenda u Wayne li weldet martu fis-6 ta' Lulju 1993 u fl-14 ta' Marzu 1996 rispettivament; u (2) konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex jikkoregi l-Atti tat-Twelid bin-numru 3022/93 u 1295/96 rispettivament, biex isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fejn l-isem l-attur jigi mnehhi u sostitwit, jekk ikun il-kaz ma' isem il-missier naturali.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda ta' *denegata paternita'* u hija minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex jigi attakkat l-istat ta'

legittimita’ *o meno* ta’ l-ulied. Fil-fatt t-tlett azzjonijiet huma s-segwenti u cjoe’:-

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**sub-artikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni nghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952):-

*“Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta’ paternita’ hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi;*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta’ stat konformi ma’ l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta’ dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f’illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta’ fizika ta’ koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza;*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ ricerka tal-paternita’ tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta’ fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu”.*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A. J. M.) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke' kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A.(RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li*

*jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke' jekk tigi ppruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u ohrajn.

Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni, kif *di piu'* ndikata fic-citazzjoni attrici giet istitwita skond il-parametri tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jiddisponi li:-

*"Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:-*

*(a) jekk jipprova li, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul iz-zwieg ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn jekk jipprova xi fatt iehor (li jista' jkun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'".*

**<u>(III) APPLIKAZZJONI GHALL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi din il-kawza ma saretx fiz-zmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri izda dan pero' sar peress li ghal zmien twil l-attur kien jahseb li t-tfal kienu ulied naturali tieghu; izda jidher li f'xi zmien l-istess konvenuta ammettiet ma' l-attur li l-istess minuri ma' kienux tieghu u fil-fatt l-istess konjugi Agius issottomettew ruhhom ghal testijiet xjentifici fuqhom u l-istess minuri u r-rizultat ta' l-istess hareg fil-21 ta' Novembru 2000 kif jidher mid-dokumenti annessi bhala Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 32 u 33 tal-process minn fejn jirrizulta li l-istess attur sar jaf definitivament li l-istess ulied ma' kienux tieghu.

Illi fil-fatt fl-istess certifikati jinghad li *"the DNA results exclude Frank Agius from being the father of Brenda Agius - Wayne Agius ".*

Illi *stante* li c-citazzjoni attrici giet prezentata fl-20 ta' Ottubru 2000 din il-Qorti thoss li tali talba ghandha tigi

ammessa proceduralment *stante* li l-istess konvenut kien imqarraq bl-agir ta’ l-attrici u allura ghalih japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16** minhabba l-adulterju kommess minn martu w ukoll l-qerq fuqu prattikat abbazi ta’ l-**artikolu 73 (c) tal-Kap 16.** Anke jekk it-twelid *per se* ma kienx mohbi minnu; din il-Qorti ghandha d-dover li tiehu konjizzjoni ta’ l-avvanzi li saru fix-xjenza, u certament li hemm bzonn li l-posizzjoni tigi ccarata anke permezz ta’ legislazzjoni *ad hoc* sabiex tirrispekkja dan, anke *in vista* tad-dritt ta’ persuna li tkun taf l-vera genituri taghha.

Illi fl-atti processwali, l-konvenuta jidher li ammettiet u accettat il-fatt li l-istess attur m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u dan eccipietu fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha datata 18 ta’ Settembru 2001 u li tinsab a fol. 29 tal-process.

Illi l-fatt li l-attur mhux missier il-minuri gie konfermatt permezz ta’ dan ir-rizultat tad-*DNA testing,* li ghalih l-attur issogetta ruhhu volontrajament fejn fil-kaz taz-zewgt itfal gie konkluz u analizzat li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri.  Fil-fatt l-attur fetah din il-kawza anke qabel ma  ra r-rizultat ta’ tali test.

Illi dan ifisser li l-istess konvenuta kkommettiet adulterju ghaliex kellha relazzjonijiet intimi ma’ terza persuna, u mhux ma’ l-attur li kien zewgha, liema rizultat ta’ din ir-relazzjoni extra-maritali kien il-wild tal-istess minuri, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju kif gja inghad li gew sodisfatti d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16.**

Illi *in vista* tad-dikjarazzjonijiet tal-attur f’din il-kawza anke rigward l-istess testijiet li huwa stess issottemmetta ruhhom ghalihom u *in vista* tax-xhieda kollha prodotta, inkluzi l-istess rizultati ta’ l-imsemmija testijiet xjentifici t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta Doreen Agius u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-imsemmija minuri Brenda u Wayne ma humiex it-tfal naturali tal-attur Frank Agius b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f' dan is-sens;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier il-minuri Brenda Agius u Wayne Agius billi tithassar kull referenza ghall-attur Frank Agius ghad-dettalji kollha mieghu konnessi w isiru minfolk dawk l-annotazzjonijiet kollha li soliti jsiru f'kaz ta' wild ta' missier mhux maghruf, inkluz li jinqatghu l-kliem *"the said"* mill-partikolaritajiet li jirreferu ghall-omm, b'dan li kull referenza ghall-attur bhala missier il-minuri ghandha tigi kkancellata u l-paternita' tal-istess minuri ghandha tigi ndikata bil-kliem *"missier mhux maghruf".*

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuta Doreen Agius *proprio*, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-attur jew lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------